MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2014

Appell Kriminali Numru. 137/2013

**Appell Nru. 137/2013**

**Il-Pulizija**
**(Spt. Elton Taliana)**
**Vs**
**Eleno Cassar**

**Illum 23 ta' Jannar, 2014**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant [detentur tal-karta tal-identita` numru 144868M] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'Awwissu 2010 u fix-xhur ta' qabel fi Triq Hal-Gharghur, B'Kara jew f'postijiet ohra f'dawn il-Gzejjer :-
1. volontarjament hassar, ghamel hsara fil-vettura ta' l-ghamla Toyota Tercel bin-numru ta' registrazzjoni JBF 638 ghad-dannu ta' Jonathan Spiteri, liema hsara tkun izjed minn elf mija u erbgha u sittin Euro u disgha u sittin centezmu (1,164.69);

2. Talli approprja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta’ haddiehor (Toyota Tercel bin-numru ta’ registrazzjoni JBF 638) li giet f’data jew ikkunsinnata lilu minhabba il-professjoni, industrija, kummerce, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu jew minhabba depozitu neccessarju taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat;
3. talli minghajr l-approvazzjoni bil-miktub tal-Kummissarju tal-Pulizija, b’xi mod li jkun, baghbas, nehha, biddel jew ghamel numru ta’ identifikazzjoni ta’ chassis jew ta’ makna ta’, jew fuq vettura bil-mutur tal-ghamla Toyota Tercel bin-numru ta’ registrazzjoni JBF 638;
4. talli iggestixxa attivita` kummercjali li tinkludi l-bejgh jew tiswija ta’ vetturi minghajr ma kien licenzjat ma’ l-awtorita` kompetenti.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-15 ta’ Marzu, 2013, li biha, wara li rat l-artikoli 17, 31, 49, 50, 325(1)(a), 293, 294 u 298D tal-Kodici Kriminali kif ukoll ir-Regolament 5 tal-Avviz Legali 1/2006 il-Qorti sabet lill-appellant hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu u kkundannatu sentejn (2) prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-26 ta’ Marzu, 2013, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma l-htija tat-tielet u tar-raba` akkuzi dedotti kontra l-appellant u thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata billi tilliberah minn l-ewwel u t-tieni akkuzi u fin-nuqqas tinfliggi piena anqas harxa fic-cirkostanzi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant huwa s-segwenti w cioe':-

1. Illi dan l-appell jirrigward l-ewwel zewg akkuzi biss li l-appellant qed jappella minnhom. Illi bid-dovut rispett il-konsiderazzjonijiet tal-Ewwel Qorti juru li l-istess ghamlet zball li jimmerita legalment li dina l-qorti terga tissindika l-

fatti mill-gdid u dana peress li l-istorja moghtija mill-parte civile Spiteri qatt ma tista` tigi emnuta. Inoltre mhux biss izda biex tiggustifika l-hsiebijiet taghha l-Ewwel Qorti ghamlet skorrettezza legali meta indikat fl-ewwel paragrafu ta' pagna hamsa tas-sentenza li biex jitwemmen l-imputat huwa kien imessu gab bhala prova jew rapport lil pulizija dwar serq (haga li ma setghax jaghmel ghaliex il-vettura mhux tieghu) jew rapport ta' claim lil insurance (haga wkoll li mhux fil-kontroll tal-imputat li mhux obbligat igib ebda prova izda certament li hija fil-kontroll ta' Spiteri u li hadd ma jafx saritx jew le !!) Dan ir-ragunament juri bic-car li l-konsiderazzjonijiet ta' l-Ewwel Qorti kif inghad tant kienu skorretti li hija kellha anke tiddipartixxi minn normi stabbiliti li l-imputat mhux obbligat igib ebda prova izda li se mai l=kaz ghandu jigi ppruvat minn min qed jallega.

L-imputat li huwa fil-mistier tal-"panel beating" ta rendikont dettaljat, li verament ma' kienx qalu lis-surgent tal-pulizija biex anke f'dak l-istadju ma' jdahhalx lil Spiteri f'inkwiet, li jindika li ghalkemm il-ftehim originali kien li tissewwa l-vettura, izda maz-zmien il-partijiet qablu li l-car tigi distrutta sabiex sid l-istess ikun jista` jirkupra lflus tal-valur taghha. Sa dak l-istadju ma kienx sar rapport ta' serq mal-pulizija. Illi pero` l-istorja tal-parte civile u cioe` li klijent jiehu vettura ghand sprayer u dan ta' l-ahhar minghajr il-kunsens tas-sid jiddistruggiha hija assolutament mhux kredibbli u anqas fil-"films" ma jsir dak li qed jghid il-parte civile;

2. Illi anke bhala piena u dan minghajr pregudizzju, piena ta' sentejn prigunerija effettiva fic-cirkostanzi hija harxa wisq.

Ikkunsidrat.

Irrizulta mill-provi illi Jonathan Spiteri hu l-propjetarju tal-vettura Toyota Tercell, bin-numru JBF - 638. Din il-vettura kienet involuta f'incident tat-traffiku fit-23 t'April ta' l-2010 u fuq rikomandazzjoni tal-garr tieghu, ha din il-karozza ghand l-appellant Eleno Cassar sabiex tissewwa u ftehmu fuq il-prezz ta' €1,500. Spiteri hallas depozitu ta' €700 u

kien imur jistaqsi lill-appellant f'hiex wasal ix-xoghol tal-vettura, sakemm fl-ahhar fl-20 t'Awwissu ta' l-2010, Spiteri mar jaghmel rapport lil Pulizija.

PS 1122 mar biex jinvestiga dan ir-rapport u kellem lill-appellant, illi qallu li l-vettura kienet kwazi lesta u li kien ghad jonqos biss li tinghata l-polish u li kien sejjer jikkonsenjaha lil sidha f'kwistjoni ta' ftit granet. Il-karozza pero baqghet ma gietx konsenjata u ghalhekk il-Pulizija arrestaw lill-appellant, fejn irilaxxa stqarrija, fejn qal l-ewwel darba li l-karozza kien qattaha bicciet. Izda Spiteri kien jaf x'kien qieghed jigri u qallu sabiex jghaffeg hu. L-Ufficcjal Investigattiv u Prosekutur, l-Ispettur Elton Taliana, mar biex jesegwixxi mandatt ta' tfittxija fil-garaxx ta' l-appellant, fejn dan ghal-ewwel kien talbu jaghtih ftit aktar cans sabiex ilesti x-xoghol fuq il-vettura, izda mbghad kien qallu illi kien qatta' bicciet il-vettura in kwistjoni u ddispona mill-parts u dan minhabba problemi finanzjarji li kellu. Dan kollu gie kkonfermat fl-stqarrija rilaxxata mill-appellant li tinsab fl-atti processwali. L-appellant baqa' jsostni illi huwa skreppja l-vettura fuq istruzzjonijiet tal-parti leza, li wara tah l-vettura ghat-tiswija, induna li kien hemm hafna hsara u li kien ser jghid li l-vettura nsterqitlu u jaghmel claim ma' l-assigurazzjoni. Dan kollu gie negat minn Spiteri fejn dan insista illi huwa kien imur ta' spiss ikellem lill-appellant u dan dejjem jghidlu li l-karozza kienet ser tkun lesta fi ftit granet izda qatt ma wasal sakemm fl-ahhar spicca biex ezaspira ruhu u mar jaghmel rapport lill-Pulizija.

B'sentenza moghtija fil-15 ta' Marzu ta' l-2013, il-Qorti tal-Magistrati sabet lill-appellant hati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu u kkundannatu ghal sentejn prigunerija effettivi.

L-appellant pero hassu aggravat minn din is-sentenza u minnha interpona appell fejn illimita fl-appell tieghu ghal nuqqas ta' apprezzament korrett tal-provi ghar-rigward l-ewwel zewg akkuzi u cioe illi volontarjament hassar, ghamel hsara fuq il-vettura numru tar-registrazzjoni JBF - 638 ghad-dannu ta' Jonathan Spiteri u li appropja ruhu billi dawwar bi profitt ghalih Toyota Tercell bin-numru JBF

- 638 li giet vdata jew ikkonsenjata lilu minhabba l-professjoni jew is-servizzi tieghu bl-obbligu li jrodd il-haga lura jew li jsir uzu specifikat minnha.

Ikkunsidrat.

L-appellant jargumenta illi huwa minnu li qatta' l-karozza inkwistjoni pero dan ghamlu fuq istruzzjonijiet tas-sid meta dan irrealizza li kellha hafna hsara u ma kinetx va la pena li tissewwa. Appella lil din il-Qorti sabiex temmen il-verzjoni ta' l-appellant, peress li hadd ma jaghmel bicca bhal din li tiehu karozza ghal tiswija u titqatta' propju mill-persuna li tkun vdajt illi jaghmel it-tiswija. Din il-verzjoni ta' Spiteri, m'ghandiex mis-sewwa u l-bon sens jghid illi dawn l-affarijiet ma jsirux fil-kors normali tal-hajja. Ghalhekk a bazi ta' dan il-konflitt, fil-provi, l-ewwel Qorti imissha uzat il-bon sens taghha u emmnet il-verzjoni ta' l-appellant u mhux dik ta' Jonathan Spiteri.

Ikkunsidrat.

L-ewwel Qorti, wara li ghamlet il-konsidrazzjonijiet taghha, waslet ghal konkluzzjoni li ma kellha l-ebda dubju li kellha titwemmen il-verzjoni tal-fatti kif moghtija mill-Parti Civili u dan 'l ghaliex kienet tinstab koroborata minn provi dokumentarji bhal ircevuta ta' hlasijiet ta' deposit u ftehim bejn il-partijiet izda, anke ghaliex l-appellant naqas milli jindika l-verzjoni moghtija lill-Qorti, kemm meta tkellem ma' PS 1122 fejn ukoll ma jidhirx li hemm konsistenza fil-verzjoni moghtija mill-appellant fl-istqarrija u dik moghtija lil Qorti.

Ikkunsidrat.

Kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti, mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Hekk qalet il-kawza fl-ismijiet il-« Pulizija versus Joseph Thorn » deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-9 ta' Lulju ta' l-2003 u kompliet tghid "Imma l-Qorti, f'kaz ta' kunflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji annuncjati fl-Artiklu 637 tal-Kap 9 u tasal ghal konkluzzjoni dwar lil min trid temmen jew f'hiex ser

temmen jew ma temmnux”.  L-Artiklu 637 tal-Kap 9 jaghti linji gwida lil min sejjer jiggudika l-fatti, kif ghandu jikkonsidra dawn il-fatti u kemm ghandu jaghti piz lil verzjoni jew ohra.  Dan l-Artiklu jghid illi l-Qorti ghandha tikkonsidra l-karattru tax-xhud, l-imgieba, jekk ix-xhieda ghandiex mis-sewwa jew hijiex konsistenti u ta’ fattizzi tax-xhieda u jekk ix-xhieda hijiex imsahha minn xhieda ohra u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.  Haga li tispikka f’dan il-kaz, huwa n-nuqqas ta’ konsistenza ta’ l-appellant, fejn l-ewwel jghid illi kien qatta’ l-karozza u biegh il-parts minhabba l-problemi finanzjarji li kellu u mbghad jghid li qattaha fuq struzzjonijiet ta’ sidha, sabiex jaghmel talba lill-assigurazzjoni u illi Spiteri, bhala sid tal-karozza kien jaf x’qed jigri u qallu sabiex “jghaffeg hu”.  L-appellant ghamel referenza ghall-kumment tal-Qorti tal-Magistrati meta qalet li l-appellant ma gab l-ebda prova illi sar rapport dwar is-serq tal-vettura jew saret xi talba f’dan is-sens ma’ l-assigurazzjoni.  Hu jghid li l-appellant ma kienx f’pozizzjoni illi jgib din il-prova, billi se mai kien Jonathan Spiteri fil-pozizzjoni li ghamel dan.

Ikkunsidrat.

Huwa minnu illi bhala persuna akkuzata l-appellant mhuwiex tenut li jgib l-ebda prova u jmiss lil Prosekuzzjoni li tipprova minghajr dubju dettat mir-raguni illi l-appellant huwa hati ta’ l-akkuzi migjuba kontra tieghu.  L-appellant pero jista’ jekk irid jaghti d-depozizzjoni tieghu u jgib il-provi u li jlahhqu dak il-livell tal-probbabilita’ biex jikkonvincu lil Qorti li l-verzjoni tieghu hija aktar vera simili.  F’dawk ic-cirkostanzi pero, din il-Qorti ma thossx illi l-appellant wasal sa dan il-grad u l-verzjoni tieghu tlahhaq biss il-grad tal-possibli li ma jiswa’ xejn f’kamp Gudizjarju Civili ahseb u ara fil-kamp Kriminali.  Minn naha l-ohra, mehud in konsiderazzjoni c-cirkustanzi ta’ dan il-kaz, l-istqarrija ta’ l-istess imputat, il-verzjonijiet moghtija minnu quddiem din il-Qorti, issib illi l-ewwel Qorti ghandha ragun illi temmen il-verzjoni moghtija mill-Parti Civili u mhux dik ta’ l-appellant u tasal ghal konkluzzjoni illi l-ewwel Qorti kienet ragonevoli u legali fil-konkluzzjoni taghha.

Ghal dak li jirrigwarda l-piena, l-appellant qal li l-piena nflitta hija severa wisq fic-cirkostanzi. Pero, l-Qorti jidrilha illi m'ghandiex tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti la l-piena nflitta hija fil-parametri tal-Ligi. Bhal ma qalet il-kawza « Repubblika ta' Malta versus David Vella » deciza fl-14 ta' Gunju tan-1999, "Il-principju regolatur hu li mhux normali illi tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-Ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika illi kellha tkun anqas minn dak illi tkun fil-fatt". Kif ga inghad, il-piena nflitta tidhol fil-parametri tal-Ligi u ghalhekk hawn ukoll m'huwiex il-kaz illi tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi, taqta' u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------